MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 186/2005/1

**Alcom Enterprises Co. Ltd. ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà estera Simed International bv. C15905**

**v.**

**Onorevoli Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi bhala Ministru responsabbli ghal Finanzi u Affarijiet Ekonomici u Direttur tal-Kuntratti**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell li jitratta dwar ir-Regolamenti ta' l-1996 Dwar l-Akkwisti li Jsiru mis-Servizz Pubbliku[1], partikolarment dwar id-depozitu li offerent illi jhossu aggravat minn decizjoni tad-Direttur tal-Kuntratti ghandu jhallas flimkien mal-prezentata ta' l-avviz ta' oggezzjoni ai termini tal-klawsola numru 2 tat-Tielet Skeda tar-Regolamenti.

**2.** Il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma, brevement, is-segwenti:

- Il-Gvern ta' Malta kien hareg sejha ghall-offerti ghall-fornitura w installar ta' apparat mediku ghall-isptar il-gdid, Sptar Mater Dei, f'Tal-Qroqq;

- Il-process tat-*tender* kien taht il-kontroll tad-Direttur tal-Kuntratti izda billi l-progett kien f'idejn il-Foundation For Medical Studies (FMS), din kellha tezamina t-*tenders* mitfugha u tirrakomanda liema offerta kellha tintghazel;

- Kien hemm hames *consortia* li tefghu t-*tender* – Simed International bv Sagexport, Siemens AG, Hospitalia International GmbH u Inso Spa. L-*adjudicating board* mahtur mill-FMS ghazel lid-ditta Hospitalia, izda kemm l-FMS kif ukoll id-Direttur tal-Kuntratti ma qablux ma' din id-decizjoni ghaliex fil-fehma taghhom is-socjetà Inso Spa kienet tefghet offerta ferm orhos mid-ditti l-ohra;

- Id-Direttur tal-Kuntratti, tramite l-Kumitat tal-Kuntratti, fetah negozjati mas-socjetà Inso Spa fejn talab informazzjoni u kjarifikazzjoni ta' certa dettalji fit-*tender* u fl-ahhar l-Kumitat tal-Kuntratti ddecieda unanimament li jaghti l-kuntratt lis-socjetà Inso Spa;

- Din id-decizjoni giet imhabbra pubblikament fis-6 ta' Dicembru 2002;

- Id-ditti Hospitalia International GmbH u Simed International bv oggezzjonaw ghal dan l-*award* u ai termini tar-Regolamenti Dwar l-Akkwisti li Jsiru mis-Servizz

[1] Legilsazzjoni Sussidjarja 174.02

Pubbliku ta' l-1996 ipprezentaw l-avvizi ta' oggezzjoni rispettivi taghhom akkompanjat kull wiehed minnhom b'depozitu ta' Lm25,000 (€58,234.33);

- A tenur ta' l-imsemmija Regolamenti inhatar *Public Contracts Appeals Board* biex jisma' dawn iz-zewg appelli, illi gie deciz li kellhom jinstemghu flimkien;

- B'decizjoni moghtija fit-28 ta' Ottubru 2003 il-*Public Contracts Appeals Board* iddecieda l-ewwel qabel kollox billi hassar id-decizjoni tad-Direttur tal-Kuntratti li jaghti l-kuntratt lis-socjetà Inso Spa u dan billi fil-fehma tal-Bord waqt il-*clarification exercise* saru u gew accettati tibdiliet materjali fis-sustanza tat-*tender* in vjolazzjoni tal-klawsola 26.1 tat-*tender document*. Ghalhekk in bazi ghall-konsiderazzjoni li t-tender *was modified after the deadline for submission of tender* annulla l-*award* li kienet saret favur is-socjetà Inso Spa. Il-Bord ta' l-Appell ghadda biex jiskwalifika lis-socjetà Hospitalia International GmbH billi qies li l-offerta kienet nieqsa minn certi dettalji essenzjali u anke ghaliex l-offerta kienet wahda kondizzjonali;

- Ghal dak li jirrigwarda l-offerta tas-socjetà Simed International bv, il-*Public Contracts Appeals Board* qies illi l-offerta mitfugha minn dik is-socjetà kienet wahda pozittiva izda, kien hemm il-htiega li certu affarijiet jigu kjarifikati w innota wkoll certi anomaliji fl-estimi finanzjarji imressqa minnha. Ghalhekk il-Bord iddecieda li Simed International bv *qualifies for consideration for acceptance and award of the tender* basta li din is-socjetà taghti *clear and unequivocal clarification regarding all the items and areas highlighted*;

- Din kienet ir-rakkomandazzjoni tal-*Public Contracts Appeals Board* izda d-decizjoni finali dwar jekk il-kuntratt jinghatax jew le lis-socjetà Simed International bv thalliet f'idejn l-FMS u d-Direttur tal-Kuntratt;
- Wara d-decizjoni tal-*Public Contracts Appeals Board*, l-FMS tat terminu lis-socjetà Simed International bv biex taghti l-kjarifikazzjonijiet indikati mill-Bord fid-decizjoni tat-28 ta' Ottubru 2003. Din is-socjetà ressqet is-

sottomissjonijiet taghha izda l-FMS ikkunsidrat illi *Simed's response does not provide a clear and unequivocal clarification regarding all the items and areas highlighted*;

- Waqt laqgha mizmuma fis-26 ta' Dicembru 2003 il-Kumitat tal-Kuntratti, wara li qies illi l-*clarification exercise* mas-socjetà Simed International bv irrizulta fin-negattiv, li s-socjetà Hospitalia International GmbH giet skwalifikata u li s-socjetà Inso Spa ma kienetx giet skwalifikata mill-*Public Contracts Appeals Board*, ikkonsidra li ma kienx fl-interess pubbliku li l-ghoti tat-*tender* jitwal izjed u ghalhekk irrakkomanda li l-kuntratt jinghata lis-socjetà Inso Spa, li kienet u baqghet l-irhas offerta, u li l-Ministru responsabbli ghall-Finanzi jinqeda bil-poteri moghtija lilu bil-klawsola 4(4) tar-Regolamenti ta' l-1996 u jaghti l-kuntratt lis-socjetà Inso Spa;

- Il-Ministru responsabbli ghall-Finanzi approva ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Kuntratti u l-kuntratt ghall-fornitura u installar ta' apparat mediku ghall-isptar il-gdid inghata lis-socjetà Inso Spa;
- Wara li l-kuntratt inghata lil Inso Spa, Simed International bv talbet li tinghata lura d-depozitu ta' Lm25,000 li kienet hallset flimkien ma' l-avviz ta' l-oggezzjoni taghha izda, din it-talba giet michuda mill-Ministru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomici fuq rakkomandazzjoni f'dan is-sens tal-Kumitat tal-Kuntratti;

- Is-socjetà Simed International bv, tramite s-socjetà Alcom Enterprises Co. Limited, kienet kostretta ghalhekk tistitwixxi proceduri opportuni fil-konfront tal-Ministru responsabbli ghall-Finanzi u d-Direttur tal-Kuntratti ghar-refuzjoni tas-somma ta' Lm25,000.

**Talbiet u Eccezzjonijiet**

**3.** B'att ta' citazzjoni ipprezentat fil-21 ta' Frar 2005 is-socjetà Alcom Enterprises Co. Ltd. ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Simed International bv talbet lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex tikkundanna lill-Ministru responsabbli ghall-Finanzi w Affarijiet Ekonomici u lid-

Direttur tal-Kuntratti, jew min minnhom, jirrifondulha d-depozitu ta’ Lm25,000 minnha imhallsa flimkien ma’ l-avviz ta’ l-oggezzjoni li intavolat mid-decizjoni tad-Direttur tal-Kuntratti favur is-socjetà Inso Spa, imhabbra pubblikament fis-6 ta’ Dicembru 2002. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-27 ta’ Settembru 2004, u bl-imghax legali.

**4.** B’nota ta’ l-eccezzjonijiet pprezentata fl-14 ta’ Marzu 2005 (ara fol. 6 ta’ l-atti), il-konvenuti eccepew illi: (i) it-talba attrici ghar-refuzjoni tas-somma ta’ Lm25,000 hija bbazata fuq allegazzjonijiet ta’ irregolarità da parti tal-Gvern fil-konfront tas-socjetà Simed International bv meta accetta l-offerta tas-socjetà Inso Spa fis-sejha ghall-offerti ghall-fornitura w installar ta’ apparat mediku ghall-isptar il-gdid, Sptar Mater Dei f’Tal-Qroqq. Kemm-il darba l-azzjoni attrici hija bbazata fuq allegazzjoni ta’ irregolarità din illum hija preskritta bil-perjodu ta’ sitt xhur mid-data tal-hrug tal-*letter of acceptance* a tenur ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta; (ii) bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni t-talba attrici hija wkoll infondata fid-dritt billi skond it-tieni paragrafu tat-tielet skeda tal-Public Services (Procurement) Regulations, 1996 *the deposit shall only be refunded if the objection is upheld*. L-*objection* li ressqet is-socjetà Simed International bv ma gietx milqugha billi ma gewx sodisfatti l-kjarifiki mitluba minnha u ghalhekk isegwi li hija tilfet ukoll id-dritt fuq tali depozitu.

## Sentenza

**5.** B’sentenza moghtija fl-4 ta’ Lulju 2006 il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddisponiet mill-azzjoni attrici billi laqghet in parti t-talbiet attrici w ikkundannat lill-konvenuti sabiex jirrifondu lis-socjetà attrici nomine s-somma ta’ Lm12,000, parti mid-depozitu minnha imhallas, bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjez tal-kawza jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**6.** L-Ewwel Qorti wasslet ghad-decizjoni taghha in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi jirrizulta li l-Gvern ta` Malta kien hareg sejha ghall-offerti ghall-fornitura u nstallar ta` apparat mediku ghall-

isptar il-gdid indikat bl-isem ta` Sptar Mater Dei f`Tal-Qroqq. Peress li l-progett ta` l-isptar il-gdid kien f`idejn il-Foundation for Medical Services (FMS), din kellha tezamina t-tenders mitfugha u tirrikmanda liema offerta kellha tinghazel. Il-process tat-tender, pero`, kien taht il-kontroll tad-Direttur tal-Kuntratti. Kienu hamsa l-konsorxji li tefghu tender: dawn kienu s-socjeta` attrici, Simed International bv, kif ukoll Sagexport, Siemens AG, Hospitalia International GmbH u Inso Spa. L-adjudicating Board, mahtur mill-FMS, ghazel lid-ditta Hospitalia International bhala d-ditta li kellha tiehu l-kuntratt. Il-FMS ma kienx jaqbel ma din id-decizjoni, u lanqas id-Direttur tal-Kuntratti ma kien sodisfatt, u dana peress li s-socjeta` Inso Spa kienet tefghet offerta ferm orhos mid-ditti l-ohra.

"Id-Direttur tal-Kuntratti, tramite il-kumitat tal-Kuntratti, fetah negozjati mad-ditta Inso Spa fejn talab informazzjoni u kjarifikazzjoni ta` certa dettalji fit-tender. Wara dan, il-Kumitat tal-Kuntratti iddecieda unanimament li jaghti l-kuntratt lis-socjeta` Inso Spa.

"Meta giet ippubblikata din id-decizjoni, kemm Hospitalia International GmbH, kif ukoll Simed International bv oggezzjonaw ghal dan l-award. Fid-dawl ta` dan, u ai termini tar-Regolamenti tal-1996 dwar Akkwisti li jsiru mis-Servizz Pubbliku (Avviz Legali 70 tal-1996) inhatar Public Contracts Appeals Board biex jittratta l-appelli mressqa miz-zewg kumpaniji imsemmija. Kien gie deciz li l-appelli taz-zewg kumpaniji jinstemghu flimkien peress li ressqu diversi ilmenti komuni.

"Il-Bord tal-Appell zamm diversi seduti u semgha hafna xhieda u ta` id-decizjoni tieghu fit-28 ta` Ottubru, 2003.

"L-ewwel ma iddecieda l-Bord kien li hassar (*'annuls'*) id-decizjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti li jaghti l-kuntratt lis-socjeta` Inso Spa, u dan peress li qies li waqt il-*"clarification exercise'* saru u gew accettati bidliet materjali fis-sustanza tat-tender, u dan bi ksur tal-klawsola 26.1 tat-tander document. Il-Bord iddecieda li t-tender *"was modified after the deadline for submission of tender"* u annulla l-award li kienet saret favur is-socjeta` Inso Spa.

"Il-Bord ta` l-Appell, imbaghad, skwalifika lis-socjeta` Hospitalia International GmbH, u dan peress li l-offerta kienet nieqsa minn certi dettalji essenzjali u anke ghalhiex l-offerta kienet wahda kondizzjonali *"which premises a priori an amendment of the tender documents and also obliges an amount of negotiations"*.

"Meta l-Bord tal-Appell ikkunsidra l-offerta ta` Simed International bv, huwa qies li l-offerta mitfugha kienet wahda pozittiva, pero`, kien hemm htiega li certu affarijiet jigu kjarifikati; gew anke innotati certi anomaliji fl-estimi finanzjarji imressqa min din is-socjeta`. Il-Bord iddecieda li din is-socjeta` *"qualifies for consideration for acceptance and award of the tender"*, diment li din is-socjeta` taghti *"clear and unequivocal clarification regarding all the items and areas highlighted"*. Id-decizjoni finali dwar jekk il-kuntratt jinghatax jew le lis-socjeta` Simed thalliet f`idejn l-FMS u d-Direttur tal-Kuntratti.

"Wara din id-decizjoni l-FMS ta` terminu lil Simed International bv sabiex tforni l-kjarifikazzjonijiet indikati mill-Bord tal-Appell. Din is-socjeta` resqet is-sottomissjonijiet taghha, izda fil-fehma tal-FMS,*"Simed's response does <u>not</u> provide a clear and unequivocal clarification regarding all the items and areas hightlighted"*. F'laqgha tal-Kumitat tal-kuntratti tas-26 ta` Dicembru, 2003, il-Kumitat wara li qies li l-*"clarification exercise"* mas-socjeta` Simed ta` rizultat negattiv, li l-kumpanija l-ohra li giet ikkunsidrata, Hospitalia International GmbH, giet skwalifikata, u li l-kumpanija Inso Spa ma kienetx giet skwalifikata mill-Bord tal-Appell, deherlu li ma kienx fl-interess pubbliku li l-ghoti tat-tender jitwal izjed, u irrikmanda li l-kuntratt jinghata lis-socjeta` Inso Spa li kienet u baqghet l-orhos offerta u li l-Ministru jinqeda bil-poteri moghtija lilu bil-klawzola 4(4) tar-Regolamenti aktar qabel imsemmija u jaghti l-kuntratt lis-socjeta` Inso Spa. Il-Ministru responsabbli dak iz-zmien approva ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Kuntratti.

"Wara li sar dan l-award, is-socjeta` Simed International bv talbet li tinghata lura id-depozitu ta` Lm25,000 li hi

ippresentat mal-appell taghha. Din it-talba giet michuda mill-Ministru tal-Finanzi fuq rakkomandazzjoni f`dan is-sens tal-Kumitat tal-Kuntratti.

“Is-socjeta` Simed, b`dawn il-proceduri, qed titlob lura d-depozitu imsemmi.

“Il-Qorti tosserva li l-klawsola numru 2 tat-Tielet Skeda tar-Regolamenti tal-1996 aktar qabel imsemmija jipprovdu dan fuq il-kwistjoni:

**2. Kull offerent li jhoss ruhu aggravat b`xi decizjoni jista`, fi zmien tlett ijiem mill-pubblikazzjoni tad-decizjoni, jipprezenta avviz ta` oggezzjoni. Dak l-avviz ta` oggezzjoni jkun biss validu jekk ikun imsieheb minn depozitu ta` 1% tal-valur estimattiv ta` l-offerta. Id-depozitu jinghata biss lura jekk dik l-oggezzjoni tigi deciza favorevolment..**

“Il-kwistjoni, allura, tirriduci ruha ghall-analizi tas-sentenza tal-Bord tal-Appell biex jigi deciz jekk id-decizjoni kienetx jew le *“favorevoli”* ghall-appellanti, s-socjeta` Simed. Jigi notat li l-Bord tal-Appell, fis-sentenza tieghu, ma ghamel ebda rakkomandazzjoni fuq id-depozitu, u cioe`, jekk id-depozitu ghandux jinghata lura jew le, avvolja, milli jidher, kellu s-setgha jaghmel tali rakkomandazzjoni.

“Il-Qorti tqies li meta s-socjeta` Simed ressqet appell, l-interess taghha ma kienx biss li tithassar id-decizjoni tal-ghoti tal-kuntratt lill-Inso Spa, izda ukoll li l-kuntratt jinghata lilha; l-interess taghha, kwindi, kien wiehed duplici, u cioe`, li jithassar l-award favur l-offerent l-iehor, u li l-kuntratt jigi aggudikat favur taghha. L-ewwel kwistjoni giet deciza fit-termini tal-appell taghha, u l-Bord tal-Appell, fil-fatt, iddecieda *“to uphold the claim by … Simed International bv to the effect that the decision to award the tender to Inso Spa should be rescinded”*.

“Fuq it-tieni kwistjoni, pero`, il-Bord tal-Appell ma laqax it-talba ta` Simed International bv biex il-kuntratt jinghata lilha; il-Bord ikkonkluda biss li t-tender *“may be awarded”* jekk dik is-socjeta` tforni l-kjarifikazzjonijiet mitluba, u dan

b`mod car u mhux ekwivoku. B`din l-ahhar decizjoni, s-socjeta` Simed inghatat cans iehor biex issahhah il-bid taghha, pero`, ma kienetx ir-rebha mistennija.

"Fid-dawl ta` dan, din il-Qorti thoss li ghandha ssegwi l-prattika tal-Qrati taghna li tispartixxi l-ispejjez ta` kawza. Hu veru li, f`dan il-kaz, id-depozitu mhux qieghed hemm biex jaghmel tajjeb ghal xi *"spejjez"*, pero`, ghandu sembjanza mal-kawtela li ssir meta litigant quddiem il-Qrati jinterponi appell min sentenza ta` Qorti ta` prim istanza, u l-Qrati taghna minn dejjem qiesu li ghandhom gurisdizzjoni u diskrezzjoni iqassmu jew jallokaw l-ispejjez involuti f`kawza skond l-ezitu u n-natura tal-kaz. F`dan il-kaz ir-Regolament jghid li d-depozitu jinghata lura jekk l-oggezzjoni tigi deciza *"favorevolment"*, u l-Qorti tara li la darba l-appell, almenu in parte, gie deciz favorevolment ghat-tesi tas-socjeta` appellanti, ikun gust u ekwu li parti mid-depositu jintradd lura.

"Dwar il-mod ta` spartizzjoni, kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza <u>Kummissarju tal-Artijiet vs Emanuel Aquilina et</u>, deciza fil-5 ta` Ottubru, 2001, *"dawn ma kellhomx u m`ghandhomx jigu ripartiti sempliciment abbazi ta` proporzjon matematiku ghat-talbiet milqugha jew michuda jew in proporzjon ghal xi riduzzjoni tas-somma reklamata. Ma tezisti ebda norma ta` dritt talment tassattiva u inflessibbli li ma tippermettix li f`certi kazijiet il-Qorti adita tippresta l-gudizzju taghha dwar il-kaz ta` l-ispejjez bil-mod kif il-kaz, b`kunsiderazzjoni maturata, ikun hekk koxjenzjozament jiddettalha"*.

"Fid-dawl ta` dan il-principju, u wara li qieset bir-reqqa d-decizjoni tal-Bord tal-Appell mehuda fit-28 ta` Ottubru, 2003, din il-Qorti thoss li s-somma ta` Lm12,000 ghandha tigi ritornata lis-socjeta` Simed International bv."

**<u>Appell u appell incidentali</u>**

**7.** Mis-sentenza ta' l-4 ta' Lulju 2006 appellaw kemm il-konvenuti permezz ta' appell principali kif ukoll is-socjetà attrici nomine permezz ta' appell incidentali.

**8.** L-aggravju fuq liema l-konvenuti jibbazaw l-appell taghhom mis-sentenza ta' l-4 ta' Lulju 2006 huwa li *fl-opinjoni tal-konvenuti l-Onorabbli Qorti Civili Prim' Awla tat interpretazzjoni skorretta lit-terminu "upheld" kif misjub fit-tieni paragrafu tat-tielet skeda tal-Public Services (Procurement) Regulations 1996*. In bazi ghal dan l-aggravju l-konvenuti jikkontendu li s-sentenza appellata hija zbaljata ghaliex skond huma fic-cirkostanzi tal-kaz it-talbiet attrici kellhom jigu michuda *in toto*. Bir-rikors ta' l-appell taghhom il-konvenuti jitolbu lil din il-Qorti biex tikkonferma s-sentenza ta' l-4 ta' Lulju 2006 fejn l-Ewwel Qorti iddikjarat illi l-*objection* imressqa mis-socjetà attrici nomine quddiem il-*Public Contracts Appeals Board* ma gietx milqugha, thassarha fil-kumplament taghha u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici nomine.

**9.** Fir-risposta ta' l-appell taghha s-socjetà attrici nomine tirrespingi l-pretensjonijiet tal-konvenuti u tikkontesta l-aggravju ta' l-appell taghhom in bazi ghall-affermazzjoni li l-*objection* taghha mid-decizjoni tad-Direttur tal-Kuntratti li jaghti l-kuntratt ghall-fornitura w installar ta' apparat mediku ghall-isptar il-gdid, Sptar Mater Dei f'Tal-Qroqq lis-socjetà Inso Spa giet effettivament *upheld* mill-*Public Contracts Appeals Board* tant illi *il-process ta' l-ghoti tal-kuntratt lill-INSO kien twaqqaf hesrem u, wara li kienet twarrbet ingustament, l-offerta tas-socjetà esponenti regghet tqieghdet fuq il-mejda*. Hija affermat li l-argumenti migjuba mill-konvenuti fir-rikors ta' l-appell taghhom huma *mankanti u bla bazi ghaliex (i) is-socjetà esponenti kienet talbet l-annullar tal-ghoti tal-kuntratt lill-INSO u* ***l-Bord ta' l-Appell akkolja din it-talba*** *u (ii) il-Bord ta' l-Appell seta' biss jaghmel* ***rakkomandazzjoni*** *(ara Skeda 9) u kien ikun ultra petita kieku ordna dak li skond l-appellanti ma giex ordnat* [2].

**10.** Izda, is-socjetà attrici nomine ukoll hassitha aggravata mis-sentenza ta' l-4 ta' Lulju 2006 u ghalhekk interponiet appell incidentali minnha. L-aggravji ta' l-appell tas-socjetà attrici nomine jittrattaw kemm dwar il-*quantum*

---
[2] Fol. 124 tal-process.

tas-somma li l-Ewwel Qorti ordnat li ghandha tigi rifuza lilha mill-konvenuti kif ukoll dwar il-kwistjoni ta' l-imghaxijiet li ghandhom jithallsu fuq l-ammont li ghandu jigi rifuz. Ghal dak li jirrigwarda l-*quantum* tas-somma li l-Ewwel Qorti ordnat li ghandha tigi rifuza, is-socjetà attrici nomine tikkontendi li *huwa vera difficili biex wiehed jifhem ir-raguni ghaliex din l-istess Qorti – dato non concesso l-argumenti minnha migjuba – ma ordnatx ir-rifuzjoni de minimis ta'* ***Lm12,500****, liema somma tirrapprezenta* ***nofs*** *id-depozitu tenut kont tal-fatt li fl-istess sentenza l-Qorti ordnat li l-ispejjez tal-kawza kellhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet* [3].

**11.** Dwar l-imghaxijiet fuq is-somma li ghandha tigi rifuza lilha, is-socjetà attrici nomine tikkontendi li *tenut kont tal-fatt li fic-citazzjoni s-socjetà esponenti kienet talbet ir-rifuzjoni ta' ammont pre-determinat u mhux somma da liquidarsi, l-Ewwel Qorti se mai kien messha ordnat li l-imghax dovut fuq il-kapital jigi kalkulat minn dakinhar tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell u cioè mit-28 ta' Ottubru 2003*.

**12.** Bl-appell incidentali taghha s-socjetà attrici nomine titlob lil din il-Qorti biex tirriforma s-sentenza ta' l-4 ta' Lulju 2006 billi tikkonfermaha in kwantu intlaqghu in parte t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti – jew min minnhom – sabiex jirrifondulha d-depozitu ta' Lm25,000 fl-intier tieghu bl-imghax legali kalkolat mid-data tad-decizjoni tal-*Public Contracts Appeals Board*, u cioè mit-28 ta' Ottubru 2003.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

**13.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, centrali ghad-determinazzjoni ta' l-appell principali tal-konvenuti huma (i) l-interess tas-socjetà Simed International bv wara l-oggezzjoni taghha mid-decizjoni tad-Direttur tal-Kuntratti, imhabbra pubblikament fis-6 ta' Dicembru 2002, li biha l-

---

[3] Fol. 124 tal-process.

kuntrattt ghall-fornitura w installar ta’ apparat mediku ghall-isptar il-gdid, Sptar Mater Dei f’Tal-Qroqq, inghata lis-socjetà Inso Spa **u** (ii) id-decizjoni tal-*Public Contracts Appeals Board* dwar l-oggezzjoni tas-socjetà Simed International bv, moghtija fit-28 ta’ Ottubru 2003.

**14.** Dwar l-interess tas-socjetà Simed International bv wara l-oggezzjoni taghha mid-decizjoni tad-Direttur tal-Kuntratti, kienet korretta l-Ewwel Qorti li tikkonstata illi tali interess kien wiehed duplici. Mill-atti processwali johrog ferm car li bl-oggezzjoni taghha s-socjetà Simed International bv riedet tottjeni (a) it-thassir tad-decizjoni tad-Direttur tal-Kuntratti, imhabbra pubblikament fis-6 ta’ Dicembru 2002, li biha l-kuntratt ghall-fornitura w installar ta’ apparat mediku ghall-isptar il-gdid, Sptar Mater Dei f’Tal-Qroqq, Msida, inghata lis-socjetà Inso Spa; u konsegwentement li (b) l-istess imsemmi kuntratt jigi aggudikat lilha billi kellha offerta *as the first cheapest substantially responsive offer and the best Overall Value for Money proposition as per the Criteria for Evaluation (Book 1, P31 of 122) of Goods, Technical Services and Transfer Services and other indicated evaluation criteria* [4].

**15.** It-talbiet ta’ Simed International bv li l-Public Contracts Appeals Board kellu jittratta u jiddeciedi dwarhom ghalhekk kienu tnejn, wahda konsegwenzjali ghall-ohra. Fin-nuqqas ta’ decizjoni favorevoli ghall-ewwel talba taghha ghat-thassir tad-decizjoni tad-Direttur tal-Kuntratti ma setghetx tigi kkunsidrata t-tieni talba taghha biex il-kuntratt in kwistjoni jigi aggudikat lilha.

**16.** Id-decizjoni tal-*Public Contracts Appeals Board* hija, tista’ tghid, maqsuma f’zewg partijiet: l-ewwel parti li tittratta t-talba ghat-thassir tad-decizjoni tad-Direttur tal-Kuntratti li biha l-kuntratt ghall-fornitura w installar ta’ apparat mediku ghall-isptar inghata lis-socjetà Inso Spa, u t-tieni parti li tittratta t-talba konsegwenzjali ta’ Simed International bv biex il-kuntratt pubbliku in kwistjoni jigi aggudikat lilha. Dwar l-ewwel talba tas-socjetà Simed International bv ma hemm ebda dubju li din giet deciza

---
[4] Fol. 58 tal-process.

b'mod favorevoli ghall-imsemmija socjetà in kwantu fid-decizjoni inghad illi *in conclusion, this Board has decided* ***to uphold*** *the claims made by Hospitalia International GmbH and Simed International BV* ***to the effect that the decision to award the tender to INSO SpA should be rescinded since the oral and written evidence brought forward by both parties during the appeal proceedings do prove that breaches have been committed to Clauses 24.3, 25.7 and 28.4 of the Tender Documents*** [5].

**17.** L-istess, pero`, ma jistax jinghad dwar it-tieni talba ta' Simed International bv ghaliex kif sewwa ikkonstatat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata *l-Bord ikkonkluda biss li t-tender "may be awarded" jekk dik is-socjetà tforni l-kjarifikazzjonijiet mitluba, u dan b'mod car u mhux ekwivoku.* ***B'din l-ahhar decizjoni s-socjetà Simed inghatat cans iehor biex issahhah il-bid taghha, però, ma kienetx ir-rebha mistennija*** [6].

**18.** Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, ghalhekk, kienet korretta l-Ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata ikkonkludiet li l-appell tas-socjetà Simed International bv mid-decizjoni tad-Direttur tal-Kuntratti gie milqugh *in parte*.

**19.** L-argument tal-konvenuti li l-uniku interess tas-socjetà Simed International bv kien biss li l-kuntratt ghall-fornitura w installar ta' apparat mediku ghall-iSptar Mater Dei jigi aggudikat lilha, huwa wiehed evidentement zbaljat. Daqstant iehor hija zbaljata l-pretensjoni taghhom li ma hija dovuta lil Simed International bv ebda refuzjoni tad-depozitu minnha mhallas (flimkien ma' l-avviz ta' l-oggezzjoni) in bazi ghall-affermazzjoni li bid-decizjoni tieghu l-*Public Contracts Appeals Board* ma skwalifikax lis-socjetà Inso spa u fl-ahhar mill-ahhar il-kuntratt ghall-fornitura w installar ta' apparat mediku ghall-iSptar Mater Dei ma giex aggudikat favur Simed International bv izda favur is-socjetà Inso spa. Dawn iz-zewg fatturi huma, fil-fehma ta' din il-Qorti, irrilevanti ghad-determinazzjoni tal-kaz in dizamina. X'decizjoni finali hadu l-FMS u d-Direttur

[5] Fol. 35 tal-process. Enfasi mizjuda minn din il-Qorti.
[6] Fol. 111 tal-process. Enfasi mizjuda minn din il-Qorti.

tal-Kuntratti dwar l-għoti tal-kuntratt imsemmi wara d-deċizjoni tal-*Public Contracts Appeals Board* ma jbiddel xejn mis-sustanza tad-deċizjoni ta' dan il-Bord u mill-fatt li parti mill-oġġezzjoni ta' Simed International bv innegabilment ġiet milqugħa favorevolment għaliha mill-imsemmi Bord.

**20.** It-tlett elementi saljenti dwar id-depożitu imħallas flimkien ma' l-avviż ta' l-oġġezzjoni a tenur tal-Klawsola 2 tat-Tielet Skeda tar-Regolamenti Dwar l-Akkwisti li Jsiru mis-Servizz Pubbliku huma li: (a) il-ħlas tad-depożitu huwa rikjest *ad validitatem*; (b) id-depożitu għandu jkun fil-valur ta' 1% tal-valur estimattiv ta' l-offerta iżda f'ebda każ ma għandu jkun inqas minn Lm100 (illum €232.94) u mhux iżjed minn Lm25,000 (illum €58,234.33); u (iii) id-depożitu jingħata biss lura jekk dik l-oġġezzjoni tiġi deċiża favorevolment. Dana kollu juri li d-depożitu huwa intiż biex jaġixxi bħala forma ta' deterrent ħalli ma jiġux intavolati oġġezzjonijiet inġustifikati w inġustifikabbli minn deċizjonijiet tad-Direttur tal-Kuntratti dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi iżda, jekk l-oġġezzjoni tirriżulta ġustifikata d-depożitu għandu jingħata lura lil dak l-offerent li jkun oġġezzjona mid-deċizjoni tad-Direttur tal-Kuntratti.

**21.** Ir-Regolamenti ma jgħidu xejn fis-sens li d-depożitu imħallas flimkien ma' avviż ta' oġġezzjoni ma jistax jiġi refuż biss in parte f'każ li l-istess oġġezzjoni tiġi milqugħa biss in parte; u fid-deċizjoni tiegħu tat-28 ta' Ottubru 2003 il-*Public Contracts Appeals Board* ma ppronunċjax ruħu dwar id-depożitu ta' Lm25,000 imħallas mis-soċjetà Simed International bv. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ, din il-Qorti, bħal ta' qabilha, ma tara ebda raġuni għaliex parti mid-depożitu ta' Lm25,000 imħallas mis-soċjetà Simed International bv ma għandhiex tiġi refuża lilha meta b'mod ċar u inekwivoku l-oġġezzjoni tagħha dwar dik id-deċizjoni kienet, għall-inqas in parte, ġustifikata, tant illi d-deċizjoni tad-Direttur tal-Kuntratti ġiet annullata u kellha tiġi ikkunsidrata mill-ġdid, fid-dawl tal-kjarifiki opportuni, l-offerta ta' Simed International bv.

**22.** Ghaldaqstant l-aggravju li fuqu l-konvenuti qed jibbazaw l-appell principali taghhom mis-sentenza appellata ma jisthoqqx li jigi milqugh.

**23.** Stabbilit li huwa gust u ekwu li jintradd lura lis-socjetà Simed International bv parti mid-depozitu minnha imhallas flimkien ma' l-avviz ta' l-oggezzjoni taghha, jehtieg issa li jigi stabbilit il-*quantum* tal-parti mid-depozitu li ghandha tintradd lura lilha. F'dan il-kuntest ikun opportun li jigi trattat l-ewwel l-aggravju tas-socjetà attrici nomine fl-appell incidentali taghha.

**24.** Is-socjetà attrici nomine tikkontendi li l-Ewwel Qorti kellha tordna a favur is-socjetà Simed International bv ir-refuzjoni ta' mill-inqas is-somma ta' Lm12,500, skond hi rapprezentanti ***nofs*** *id-depozitu tenut kont tal-fatt li fl-istess sentenza l-Qorti ordnat li l-ispejjez tal-kawza kellha jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet* [7], jekk mhux addirittura s-somma intiera ta' Lm25,000.

**25.** Din il-Qorti regghet qieset mill-gdid ir-ragunament ta' l-Ewwel Qorti dwar il-likwidazzjoni tas-somma ta' Lm12,000 bhala dik il-parti mid-depozitu li ghandu jigi rifuz lis-socjetà Simed International bv u ma thossx li hemm ragunijiet sufficjenti biex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Fl-ewwel lok, kif gie sewwa ikkonstatat mill-Ewwel Qorti, l-oggezzjoni ta' Simed International bv giet miqlugha biss in parti ghaliex ghalkemm giet milqugha t-talba taghha ghat-thassir tad-decizjoni tad-Direttur tal-Kuntratti li biha l-kuntratt ghall-fornitura w installar ta' apparat mediku ghall-iSptar Mater Dei inghata lis-socjetà Inso spa, it-talba taghha biex il-kuntratt jinghata lilha ma gietx milqugha kif minnha mistenni. Barra minnhekk kienet ukoll ghal kollox korretta l-Ewwel Qorti meta ghad-decizjoni taghha dwar kemm mid-depozitu imhallas mis-socjetà Simed International bv kellu jigi refuz lilha, applikat il-principju li tali decizjoni ma ghandhiex tkun bazata biss fuq proporzjon matematiku ghat-talbiet milqugha jew michuda mill-*Public Contracts Appeal Board* izda wkoll fuq konsiderazzjoni ta' sustanza

---

[7] Fol. 124 tal-process.

u l-import ta' l-oggezzjoni ta' l-imsemmija socjetà kif minnha imressqa quddiem il-Bord. Ghaldaqstant l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward ma ghandux jigi disturbat u b'hekk, l-ewwel aggravju tas-socjetà attrici nomine fl-appell incidentali taghha qed jigi michud.

**26.** Jibqa' issa biss li jigi trattat it-tieni aggravju fuq liema s-socjetà attrici nomine tibbaza l-appell incidentali taghha u cioè, il-kwistjoni dwar minn meta ghandu jibda jiddekorri l-imghax legali fuq is-somma li ghandha tigi rifuza lis-socjetà Simed International bv. Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti iddecidiet li l-imghax legali fuq is-somma ta' Lm12,000 ghandu jiddekorri favur is-socjetà attrici nomine u kontra l-konvenuti mid-data tas-sentenza ossia, mill-4 ta' Lulju 2006, sad-data ta' l-effettiv pagament. Is-socjetà attrici nomine tikkontendi li dik id-decizjoni hija zbaljata ghaliex *tenut kont tal-fatt li fic-citazzjoni s-socjetà esponenti kienet talbet ir-refuzjoni ta' ammont pre-determinat u mhux somma da liquidarsi, l-Ewwel Qorti se mai kien messha ordnat li l-imghax dovut fuq il-kapital jigi kalkulat minn dakinhar tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell u cioè mit-28 ta' Ottubru 2003* [8].

**27.** Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx mal-pretensjoni tas-socjetà attrici nomine. Kif già inghad iktar 'l fuq, id-decizjoni tal-*Public Contracts Appeals Board* baqghet ghal kollox siekta fuq il-kwistjoni tad-depozitu imhallas mis-socjetà Simed International bv flimkien ma' l-avviz ta' l-oggezzjoni taghha, u ghalhekk f'dak il-mument ma kien hemm ebda obbligu impost fuq il-konvenuti favur is-socjetà Simed International bv li jigi rifuz d-depozitu imhallas, parti minnu jew kollu kemm hu. L-obbligu fuq il-konvenuti li jirrifondu lis-socjetà imsemmija parti mid-depozitu minnha imhallas <u>inholoq biss b'effett tas-sentenza appellata</u> u ghalhekk kif korrettament iddecidiet l-Ewwel Qorti f'dik is-sentenza, l-imghax legali, li del resto jikkostitwixxi d-danni favur is-socjetà attrici nomine ghad-dewmien fil-hlas da parti tal-konvenuti, ghandu jibda

[8] Fol. 124 tal-process.

jiddekorri mid-data tas-sentenza appellata, u cioè mill-4 ta' Lulju 2006.

**28.** Ghaldaqstant it-tieni aggravju tas-socjeta` attrici nomine qieghed ukoll jigi respint.

**Decide**

**29.** Ghall-motivi premessi tichad kemm l-appell principali tal-konvenuti kif ukoll l-appell incidentali tas-socjetà attrici nomine, u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez relattivi ghall-appell principali ghandhom jithallsu mill-konvenuti u l-ispejjez relattivi ghall-appell incidentali ghandhom jithallsu mis-socjetà attrici nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------